# FIL-QORTI ĊIVILI

# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## ONOR. IMĦALLEF

## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, il-Ġimgħa, 26 ta' April, 2024.

**Kawża Nru. 4**

**Rik. Nru. 60/2023 ISB**

**Il-Perit Edward Joseph Micallef (ID 317945M)**
**u l-Perit Kerstin Micallef (ID 482379M)**

**vs**

**Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tal-**Perit Edward Joseph Micallef** u tal-**Perit Kerstin Micallef**, intavolat fid-9 ta' Ottubru 2023, li permezz tiegħu huma talbu lill-Qorti sabiex:

1. *Tordna illi l-isem tas-soċjetà MIKE Limited jerġa' jitqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji u l-istralċ tagħha jerġa' jinfetaħ;*

2. *Tordna li ssir rettifika tal-iskema ta' distribuzzjoni relattiv għall-istralċ ta' MIKE Limited billi jittieħed kont tal-fond 191, The Wedge, Triq is-Sorijiet, San Ġiljan, liema fond kien ġie eskluż mill-istess skema ta' distribuzzjoni, sabiex tali fond ikun jista' jiġi distribwit a favur tal-esponenti bħala azzjonisti ta' MIKE Limited;*

3. *Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att notarili opportun ta' trasferiment tal-imsemmi immobbli, tappunta jum, ħin u lok għall-finijiet ta' tali pubblikazzjoni u tawtorizza lill-istralċjarju ta' MIKE Limited sabiex jirrappreżenta lill-istess soċjetà fuq l-imsemmi att notarili;*

   *Bl-ispejjes.*

U dan wara li ppremettew:

*Illi l-esponenti kienu l-uniċi azzjonisti, f'ishma indaqs bejniethom, tas-soċjetà MIKE Limited (C-38916) u dan kif jirriżulta mill-anness Dokument 'A'.*

*Illi l-imsemmija soċjetà ġiet imħassra mir-Reġistru tal-Kumpanniji fl-24 ta' Lulju 2019 wara li ġiet stralċjata volontarjament fuq riżoluzzjoni tal-esponenti – Dokument 'B'.*

*Illi meta kienet qed issir l-likwidazzjoni u l-istralċ tas-soċjetà MIKE Limited, ma ttieħedx kont tal-fond 191, The Wedge, Triq is-Sorijiet, San Ġiljan li kien jappartjeni lil MIKE Limited, hekk kif ser jiġi provat aħjar waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-Rikors.*

*Illi l-esponenti għandhom interess illi ssir rettifika tal-iskema ta' distribuzzjoni relattiv għall-istralċ ta' MIKE Limited sabiex jittieħed kont tal-imsemmi immobbli u dan ikunu jista' jiġi trasferit, in via ta' distribuzzjoni, a favur tal-esponenti bħala azzjonisti ta' l-istess soċjetà.*

*Illi tali nuqqas fl-iskema ta' distribuzzjoni jivvizja l-istralċ tal-kumpannija MIKE Limited u jikkostitwixxi illegalità ta' natura materjali li għandu jwassal sabiex l-isem ta' MIKE Limited jerġa' jitqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji u l-istralċ jerġa' jinfetaħ għal dawk ir-raġunijiet u għal dak iż-żmien li din l-Onorabbli Qorti tista' tispeċifika, taħt dawk id-direttivi u dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jidhrulha xierqa.*

*Illi stante li eventwali distribuzzjoni tal-imsemmi immobbli ser teħtieġ li jsir att notarili opportun fejn MIKE Limited għandha tidher sabiex tittrasferixxi l-istess immobbli a favur tal-esponenti, ser ikun ukoll meħtieġ li l-isem ta' MIKE Limited jiġi mqiegħed mill-ġdid fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji u l-istralċ jerġa jinfetaħ mill-ġdid.*

*Illi dan huwa l-unika rimedju disponibbli lill-esponenti fiċ-ċirkostanzi.*

*Illi għadhom ma għaddewx ħames (5) snin minn meta s-soċjetà MIKE Limited tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji;*

Rat **id-dokumenti** li kienu ppreżentati mar-rikors (fol 3 sa fol 12).

Rat **id-digriet** tagħha tat-13 ta' Ottubru 2023, fejn ir-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tat-8 ta' Novembru 2023 fid-9:30 a.m., u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Reġistratur tal-Kumpaniji b'għoxrin jum żmien għar-risposta.

Rat illi r-Reġistratur tal-Kumpaniji kien notifikat fit-23 ta' Ottubru 2023 (ara tergo ta' fol 14) u rat illi fis-7 ta' Novembru 2023, ir-Reġistratur tal-Kumpaniji intimat ppreżenta **r-risposta** tiegħu (fol 15) **bid-dokument** hemmhekk anness (fol 20 sa fol 28), li permezz tagħha, huwa sostna:

*Illi in kwantu għall-meriti fattwali tal-kawża peress illi l-konvenuta Reġistratur m'hijiex edotta mill-fatti kollha kif ġew dikjarati fir-rikors promotur, hija tirimetti ruħha għall-provi u għall-ġudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti. Illi skont kif ġie dikjarat fir-rikors odjern, wara t-tħassir tal-isem tal-kumpanija MIKE Ltd. (C 38916) minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru") konsegwenza ta' stralċ*

*volontarju, ir-rikorrenti ndunaw li bi żvista kien hemm immobbli tal-kumpanija, speċifikament il-fond 191, The Wedge, Triq is-Sorijiet, San Ġiljan, li ma ġewx meħuda in konsiderazzjoni waqt l-istralċ;*

*Illi l-ewwel rekwiżit illi għandu jiġi pruvat skont l-Artikolu 300B tal-Att dwar il-Kumpaniji, huwa illi r-rikkorrenti jkunu persuni nteressati. Tali rekwiżit huwa wieħed illi għandu jitqies skont il-fatti u ċirkostanzi partikolari ta' kull każ u għaldaqstant hija dina l-Onorabbli Qorti illi għandha tistabbilixxi jekk l-elementi rekwiżiti sine qua non jeżistux u jekk iva, jeżistux b' tali mod illi jimmeritaw ir-rimedju eċċezzjonali u straordinarju provdut fl-imsemmi artikolu;*

*Illi t-tieni rekwiżit illi jagħti lok għall-istituzzjoni tal-azzjoni taħt l-artikolu 300B huwa illi r-rikors promotur għandu jiġi preżentat sa żmien massimu ta' ħames snin mid-data illi fiha l-isem tal-kumpanija in kwistjoni jkun ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru. Billi l-isem tal-kumpanija MIKE Ltd. (C38916) kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru fl-24 ta' Lulju tas-sena 2019 u billi r-rikors promotur ġie preżentat fid-9 ta' Ottubru tas-sena 2023, it-terminu preskritt mil-liġi ġie osservat;*

*Illi di piu' skont is-subartikolu 3 tal-Artikolu 300B, dina l-Onorabbli Qorti għandha tilqa' t-talba biss jekk tkun sodisfatta illi dak li jaħseb għalih is-subartikolu 2 tal-Artikolu 300B kien jikkostitwixxi l-uniku rimedju skont il-liġi għad-disposizzjoni tar-rikorrenti. Ta' min wieħed jgħid illi l-proċedura illi wasslet għax-xoljiment, stralċ u tħassir tal-isem tal-kumpanija in kwistjoni minn fuq ir-Reġistru kienet waħda illi bdiet volontarjament mill-azzjonisti u uffiċjal tal-kumpanija stess. Għaldaqstant, il-proċess illi wassal għat-tħassir tal-isem tal-kumpanija de quo huwa wieħed pubbliku u d-dokumentazzjoni relattiva għal tali tħassir huwa wieħed aċċessibbli għall-viżjoni ta' terzi persuni. Illi għalhekk huwa mportanti ħafna illi fis-sentenza tagħha dina l-Onorabbli Qorti*

*għandha tispeċifika jekk l-ordni tagħha taħt dan l-Artikolu, jekk huwa l-każ, jolqotx biss ir-rikorrenti illi qiegħed jippromovi tali rimedju straordinarju;*

*Illi kif dejjem ġie sottolineajat mill-Qrati tagħna, iż-żewġ elementi illi jipprovdu l-qofol sostanzjali tal-Artikolu 300B huma illi wieħed jipprova kjarament illi l-proċess tal-istralċ u tat-tħassir tal-isem tal-kumpanija minn fuq ir-Reġistru kien wieħed ivvizjat jew bi frodi jew, bħalma qiegħed jiġi allegat f'din il-kawża bl-element ta' illegalita' ta' natura materjali. Dawn iż-żewġ raġunijiet jidhru illi huma ristretti fin-natura tagħhom iżda s-sinifikat u l-applikazzjoni tagħhom f' każijiet partikolari ngħataw b'mod lampanti f'interventi interpretattivi tal-Qrati tagħna. Dawn, kif intqal qabel, dejjem ħadu in konsiderazzjoni il-fatti u ċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ illi kellhom quddiemhom;*

*Illi r-Registratur tħoss li kien fid-dover tal-kumpanija u iktar speċifikament tal-likwidatur illi jkunu ċerti illi l-kumpanija ma kien fadlilha l-ebda assi pendenti qabel ma bdew il-proċess ta' stralċ volontarju kif ukoll tul il-proċess tal-istralċ rispettivament. U għaldaqstant dan huwa indikazzjoni ta' traskuraġni, imprudenza jew nuqqas t' attenzjoni da parti tar-rikorrenti.*

*Illi fl-essenza tiegħu r-rimedju illi tista' tagħti dina l-Onorabbli Qorti, jekk ikun il-każ, huwa wieħed speċjali u eċċezzjonali. Għalhekk f'kull każ il-Qorti għandha teżerċita kawtela u tuża d-diskrezzjoni tagħha b-mod ċar sabiex taċċerta ruħha illi tali każ huwa wieħed ġenwin sabiex jiġi skansat kull lok ta' abbuż. Dan huwa fatt importanti meta wieħed jikkonsidra l-fatt illi l-liġi ma tagħti ebda ħjiel jew definizzjoni ta' x' jikkostitwixxi illegalita' ta' natura materjali. Ta' min jgħid illi mhux kull illegalita' tiskatta l-jedd għar-rimedju taħt l-Artikolu 300B tal-Att dwar il-Kumpaniji. Ta' min wieħed jgħid ukoll illi x' inhu materjali jiddependi mill-fattispeċi ta'*

*kull każ individwali u għalhekk irid jiġi ppruvat b' mod lampanti min-naħa tar-rikkorrenti għas-sodisfazzjon ta' dina l-Onorabbli Qorti. Għalhekk, tali illegalita' trid tkun waħda illi wasslet għall-ivizzjar tal-proċess tal-istralċ. Illi għalhekk l-istralċjarju kellu joqgħod ferm attent illi jara illi qabel ma għadda għall-proċedura illi twassal għall-kanċellament u tħassir tal-isem tal-kumpanija in kwistjoni, huma jkunu kollha effettivament u verament konklużi. Dan mingħajr il-hsieb komdu illi jekk jinqala xi ħaġa wara, jista' jirrikorri għar-rimedju taħt xi artikolu illi jipprovdi l-Att dwar il-Kumpaniji, speċifikament l-Artikolu 300B tal-istess Att. Illi appuntu l-funzjoni tal-istralċjarju, kif ġie magħżul mis-soċji tal-kumpanija jeżiġi illi jillikwida u jikkonkludi  l-affarjiet tal-kumpanija illi l-isem tagħha sejjer jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru bħala konsegwenza tal-inkarigu mportanti tiegħu;*

*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk dina l-Onorabbli Qorti tħoss illi għandha tagħti rimedju taħt l-Artikolu 300B ir-Reġistratur umilment tissolleva illi dan għandu jiġi akkordat bħala wieħed eċċezzjonali u straordinarju skont iċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ u għandu jingħata żmien improrogabbli sabiex l-affarjiet tal-kumpanija in kwistjoni jiġu definittivament konklużi u sabiex l-affarijiet ma jitwalux bla bżonn;*

Rat illi fl-udjenza tat-22 ta' Jannar 2024, deher l-Avukat Massimo Vella għar-rikorrenti u dehret l-Avukat Claudette Fenech għar-Reġistratur tal-Kumpaniji.

Rat ukoll illi f'dik l-udjenza xehdu **l-Avukat Claudette Fenech in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Kumpaniji** li ppreżentat dokument (Dok CF1, fol 35 sa fol 180), il-likwidatur **Walter Xuereb** u r-rikorrent **Perit Joseph Edward Micallef** li ppreżenta erba' (4) dokumenti (Dok EM1 sa Dok EM4, fol 183 sa fol 198).

Rat ukoll illi fl-udjenza tat-22 ta' Jannar 2024 saret id-dikjarazzjoni tad-difensur tal-intimat illi ma hemmx kontestazzjoni dwar il-proprjetà kif

deskritta mill-Perit Joseph Edward Micallef fix-xhieda tiegħu. Rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensur tar-rikorrenti fejn ippreċiża li l-indirizz 191, The Wadge, Triq is-Sorijiet, San Ġiljan huwa l-uffiċju kif imfisser mill-Perit fid-depożizzjoni tiegħu.

Rat ukoll illi fl-udjenza tat-22 ta' Jannar 2024, wara li rat id-dikjarazzjoni tal-partijiet li m'għandhomx aktar provi x'jipproduċu, il-kawża tħalliet għal-lum għall-provvediment.

Rat ir-rikors tar-rikorrenti tal-21 ta' Frar 2024 u d-digriet relattiv.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrenti *ai termini* tal-**Artiklu 300A tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta**, u li permezz tagħha, ir-rikorrenti, li huma l-unika azzjonisti tas-soċjetà MIKE Limited (C-38916), liema kumpanija tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fl-24 ta' Lulju 2019, wara li ġiet stralċjata volontarjament.

Illi jirriżulta li meta kienet qed issir il-likwidazzjoni u l-istralċ tas-soċjetà MIKE Limited ma tteħidx kont tal-fond 191, Apt. 4, The Wedge, Triq is-Sorijiet, San Ġiljan li kien jappartjeni lill-istess soċjetà.

Jispjegaw illi għandhom kull interess illi ssir rettifika tal-iskema ta' distribuzzjoni relattiv sabiex jittieħed kont tal-imsemmi immobbli u dana jkun jista' jiġi trasferit, in via ta' distribuzzjoni, a favur tal-esponenti bħala azzjonisti tal-istess soċjeta'.

Isostnu li tali nuqqas fl-iskema ta' distribuzzjoni jivvizja l-istralċ u jikkostitwixxi llegalità ta' natura materjali li għandu jwassal sabiex l-isem tal-kumpanija jerġa' jitqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji u l-istralċ jerġa' jinfetaħ. Jikkontendu li minħabba li hemm il-bżonn li jsir it-trasferiment permezz ta' att notarili jeħtieġ li l-isem tal-kumpanija jerġa' jitqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji u l-istralċ jerġa' jinfetaħ.

Jgħidu li għadhom m'għaddewx il-ħames (5) snin minn meta s-soċjetà MIKE Limited tħassret minn fuq ir-Reġistru.

Fix-xhieda tagħha l-**Avukat Claudette Fenech** ippreżentat il-fajl pubbliku tas-soċjetà *de quo* minn meta ġiet inkorporata sa meta mbagħad ġiet eventwalment stralċjata, liema dokument il-Qorti ħadet konjizzjoni tiegħu.

Fix-xhieda tiegħu l-**likwidatur Walter Xuereb** jikkonferma li hu kien il-likwidatur tas-soċjetà *de quo*. Jispjega li meta hu għamel il-likwidazzjoni tal-kumpanija *de quo* mexa fuq il-fajl tal-awditur tal-kumpanija. Mistoqsi dwar jekk kienx ħa in kunsiderazzjoni l-proprjetà *de quo* jgħid li f'dak iż-żmien kienet taħt kostruzzjoni u ħadha fid-distribuzzjoni lill-azzjonisti u ċjoè qasamha bejn l-azzjonisti. Jikkonferma iżda li kuntratt notarili f'dan ir-rigward baqa' ma sarx.

Fix-xhieda tiegħu l-**Perit Joseph Edward Micallef** jgħid li hu flimkien mat-tifel tiegħu, ir-rikorrent Kerstin Micallef, kienu xtraw il-proprjetà *de quo* tramite l-kumpanija MIKE Limited. Jispjega li l-għan kien l-iżvilupp u kienu diġà għamlu proġett ieħor u ċjoè bnew blokka li biegħu xi proprjetà minnha u żammew l-uffiċju t'isfel. Jikkonferma li ibnu hu wkoll Perit.

Mistoqsi x'sar minnha l-proprjetà *de quo* meta saret il-likwidazzjoni tal-kumpanija jgħid li baqa' għandhom iżda skoprew li ma kinux daħħluh fil-likwidazzjoni. Ix-xhud ippreżenta l-permessi oriġinali tal-blokka, il-kuntratt tal-akkwist oriġinali, u żewġ pjanti liema dokumenti l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom. Jispjega li l-uffiċju jikkonsisti fl-ewwel sular kif ukoll meżżanin fejn tinsab il-kamra tal-banju kif ukoll *basement level.*

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi l-intimat Reġistratur jirrimetti ruħu għall-merti fattwali u jgħid illi huwa għadda għall-kanċellament tal-kumpanija *de quo* wara li kien irċieva d-dokumentazzjoni relattiva għal-likwidazzjoni u ra li kienet konformi mal-liġi.

Jgħid illi huwa qatt ma rċieva xi forma ta' oġġezzjoni għat-tħassir tal-isem matul il-perjodu statutorju, u jsostni illi f'każ ta' stralċ volontarju, l-oneru fuq l-istralċjarju sabiex jassikura illi ttieħed kont tal-assi kollha qabel ma jgħaddi għas-sottomissjoni tad-dokumenti finali huwa akbar.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi l-**Art. 300(A) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta** jgħid testwalment hekk:

> *(1) Meta fil-kors tal-istralċ ta' kumpanija l-istralċjarju ma jkunx ikkalkola xi assi tal-kumpanija, u l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-reġistru, kull persuna interessata tista' b'rikors, titlob lill-Qorti biex tordna r-rettifika tal-iskema ta' distribuzzjoni, u l-Qorti tista', meta jidhrilha xieraq, tordna dik*

> *ir-rettifika taħt dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa.*
>
> *(2) Meta kumpanija tkun għamlet distribuzzjoni lill-azzjonisti tagħha skont skema ta' distribuzzjoni u l-isem ta' dik il-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-reġstru, kull kreditur li l-pretensjoni tiegħu kontra l-kumpanija ma tkunx ġiet sodisfatta jista', b'rikors, jagħmel talba għal dak li hu dovut lilu mingħand l-azzjonisti tal-kumpanija pro rata għall-ammont li jkun riċevut mill-azzjonisti mad-distribuzzjoni, u l-Qorti tista', meta tikkunsidra hekk xieraq, tordna li jsiru ħlasijiet mill-azzjonisti lil dak il-kreditur taħt dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa: Iżda f'ebda każ ma għandu azzjonist ikun meħtieġ li jikkontribwixxi għal ammont li jkun iżjed minn dak riċevut minnu mad-distribuzzjoni.*
>
> *(3) Ma jista' jsir ebda rikors taħt dan l-artikolu wara li jgħaddu ħames snin mid-data li fiha l-isem tal-kumpanija jkun tħassar mir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bżonn biex kumpanija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji terġa' ssib postha fuqu *ai termini* tal-Artiklu appena ċitat.

Ma hemmx dubju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta l-kumpanija MIKE Limited ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Id-dokumenti ppreżentati mar-rikors u fil-kors ta' dawn il-proċeduri jitkellmu waħedhom u ma jirriżultax lanqas kontestazzjoni dwar il-fatti li rriżultaw. Jimmerita għalhekk illi din il-Qorti tawtorizża r-retifika li qed tiġi mitluba.

**GĦALDAQSTANT**, il-Qorti, fid-dawl tal-Artikolu 300A tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq ikkunsidrat u ppruvat, jidhrilha illi jkun mis-sewwa illi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif proposti fir-rikors promotur u:

1. **Fl-ewwel lok**, <u>tordna</u> lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex*, ai termini* tal-Artiklu 300A tal-KAP 356 tal-Liġijiet ta' Malta, fi żmien ħmistax-il jum, jerġa' jdaħħal l-isem ta' **MIKE Limited (C-38916)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha <u>fi stadju ta' stralċ</u> daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** <u>tordna</u> lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha meħtieġa *ai termini* tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpanija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpaniji.

3. **Fit-tielet lok**, <u>tordna</u>, illi l-isem ta' **MIKE Limited (C-38916)** jitpoġġa lura fuq tali Reġistru tal-Kumpaniji għall-perjodu massimu ta' sena sabiex f'dan il-perjodu, issir ir-retifika neċessarja tal-iskema ta' distribuzzjoni relattiv għall-istralċ tal-istess kumpanija msemmija billi jittieħed kont tal-proprjetà deskritta bħala appartament numru 4, 191, Triq is-Sorijiet, San Ġiljan, sabiex tali proprjetà tiġi assenjata lir-rikorrenti skont l-ishma tal-azzjonijiet rispettivi tagħhom jew tal-awturi tagħhom, kif deskritta fir-rikors promotur, wara li jittieħdu dawk il-passi kollha opportuni u neċessarji f'dan ir-rigward inkluż li tgħaddi kwalunkwe riżoluzzjoni li biha tiġi approvata tali skema ta' distribuzzjoni retifikat.

4. **Fir-raba' lok**, <u>tordna</u> lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex jieħu dawk il-miżuri kollha li jistgħu jkunu neċessarji sabiex tali retifika tkun tista' ssir u tingħata effett.

5. **Fil-ħames lok**, tinnomina lin-Nutar Robert Muscat sabiex jippubblika l-att notarili opportun ta' trasferiment tal-imsemmi immobbli fil-ħin u l-post speċifikat minnu u tawtorizza lill-istralċjarju **Walter Xuereb** sabiex jidher fuq l-att relattiv in rappreżentanza tas-soċjetà **MIKE Limited (C-38916).**

6. **Fis-sitt lok**, <u>tordna</u> illi l-ispejjeż ta' din il-proċedura u kif ukoll kwalsiasi spejjeż illi jista' jinkorri r-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpanija **MIKE Limited (C-38916)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji, jkunu a karigu tar-rikorrenti.

| | |
|---|---|
| **Ian Spiteri Bailey** | **Amanda Cassar** |
| **Onor. Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |